MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 1142/2006

Marthese **Vella f'isimha proprju u kif ukoll fil-kwalita taghha ta' werrietha tal-minuri bintha Hayley Anne Briffa**

**vs**

**Carl Mario sive Karl Micallef**
**Joseph Azzopardi u**
**b'digiret tal-15 ta' Jannar 2008**
**il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens**
**(stabbilit ai termini tal-artikolu 49**
**tal-Att Dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni –**
**Kapitolu 403 tal-Ligijiet ta' Malta) u**
**tal-Motor Insurers' Bureau intervenew**
**fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-22 ta' Dicembru 2006 li tghid hekk:

(i) Illi fl-ghaxra ta' Jannar 2005 gewwa Triq l-Ghammieri, Qormi ghal habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghodu, filwaqt illi r-rikorrenti Marthese Vella kienet miexja flimkien ma' bintha minuri Hayley Anne Briffa fuq il-bankina, ir-rikorrenti u bintha sfaw investiti minn vettura tal-marka Kia Reggio bin-numru tar-registrazzjoni JOE 079 misjuqa mill-intimat Carl Mario sive Karl Micallef;

(ii) Illi fid-data tal-incident l-imsemmija vettura kienet registrata fuq l-intimat l-iehor Joseph Azzopardi u ma kinitx licenzjata u lanqas koperta b'polza ta' assigurazzjoni;

(iii) Illi konsegwenza tal-imsemmi incident awtomobilistiku, il-minuri Hayley Anne Briffa tilfet hajjitha filwaqt illi r-rikorrenti Marthese Vella qed issofri minn dizabilita ta' natura permanenti;

(iv) Illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b'negligenza, traskuragni, imperizja, sewqan eccessiv, u nuqqas ta' tharis ta' traffiku da parti tal-intimat Carl Mario sive Karl Micallef kif ukoll minhabba n-nuqqas tal-intimat l-iehor Joseph Azzopardi li jissuplixxi vettura idonea ghat-triq jew min minnhom;

(v) Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat l-erbatax ta' Settembru 2005, ir-rikorrent akkwistat kull dritt li seta' kellu zewgha bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti kontra l-intimati ghall-hlas tad-danni naxxenti mill-incident awtomobilistiku u ghalhekk din il-kawza qed issir f'isem ir-rikorrenti;

(vi) Illi l-intimati gew interpellati ghal diversi drabi sabiex jghaddu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kawzati minnhom, izda baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq l-Ghammieri, Qormi fl-ghaxra ta' Jannar 2005 f'liema incident ir-rikorrenti sofriet dizabilita ta' natura permanenti filwaqt illi bintha minuri Hayley Anne Briffa tilfet hajjitha, huma responsabbli biss l-intimati jew min minnhom;

2. Tillwida okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-istess rikorrenti u mill-imsemmija minuri Hayley Anne Briffa, illum mejta;

3. Tikkundanna lill-istess intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti pro et noe d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Frar 2006, u bl-imghaxijiet kontra l-intimati, jew min minnhom, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Carl Mario sive Karl Micallef li tghid hekk:

1. Preliminariament, l-attrici trid tipprova li hija l-eredi ta' bintha minuri Hayley Anne Briffa. Altrimenti ikun karenti l-lnteress rikjest mil-ligi sabiex tagixxi taht dik ll-vesti.

2. Bla pregudizzju ghall-premess, l-ewwel talba tal-attrici kif dedotta kontra l-esponent ghandha tkun michuda stante li l-incident de quo ma garax tort tal-esponent.

3. It-tieni talba attrici ghandha tkun rigettata wkoll billi fejn jirrigwarda l-esponent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attrici.

4. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba kif dedotta kontra l-esponent ghandha tkun michuda stante li l-esponent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attrici.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Joseph Azzopardi li tghid hekk:

1. Illi huwa qatt ma jista' jigi ritenut responsabbli ghall-incident de quo u dan ghaliex fost affarijiet ohra huwa qatt ma kien in causa prossima tal-istess.

2. Illi in effetti u se mai in l-aghar ipotezi, l-incident de quo sehh tort ta' imperizja, negligenza u inosservanza ta' regolamenti tas-sewqan li ma jistghux jigu imputati lilu.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti inkluz id-diversi rapporti gudizjarji u dawk ex parte;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet li saru;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Dan hu incident stradali li sehh fl-10 ta’ Jannar 2005 fi Triq l-Ghammieri, Qormi ghal habta tad-9.30am meta l-attrici li kienet miexja qed timbotta pushchair bit-tifla taghha Hayley Anne fiha sfat milquta minn vettura tal-marka Kia Reggio JOE 079 misjuqa minn Carl Micallef. F’dan l-incident l-attrici sofriet hsara fizika serja mentri bintha Hayley Anne ta’ sentejn mietet konsegwenza tal-incident.

**Fatti u responsabilta**

Il-process hu wiehed voluminuz hafna u jinkludi l-inkjesta magisterjali li saret in-segwitu ghall-incident. Minn dak li jirrizulta mill-assiem tal-fatti migbura fil-process jidher illi Carl Micallef li dak iz-zmien kellu 18-il sena u kien ottjena l-licenzja tas-sewqan xi xahrejn qabel beda jahdem bi prova mal-konvenut l-iehor Joseph Azzopardi li kien jiggestixxi negozju ta’ fjuri u Carl Micallef kien qed jaghmilha ta’ deliveryman. Ma kellu ebda ktieb tax-xoghol billi skond ma gie dikjarat kien bi prova u qabel jimpjegah Joseph Azzopardi ried jara kienx tajjeb ghax-xoghol. Din il-kwistjoni dwar in-nuqqas ta’ ktieb ta’ xoghol mhix relevanti ghall-iskop tal-incident pero tassumi relevanza rigward il-modus operandi ta’ Joseph Azzopardi li dwarha l-Qorti ser tikkummenta aktar tard. Jinghad biss f’dan l-istadju illi wara l-incident Carl Micallef li kien sejjer lejn ix-xoghol cempel lil Joseph Azzopardi u a tempo vergine ivvintaw l-istorja li kien Joseph Azzopardi li kien isuq il-vann mhux Carl Micallef. Din

il-verzjoni giet iritrata ftit wara meta kien car mill-fatti li kellha l-pulizija f'idejhom li Joseph Azzopardi ma kienx is-sewwieq izda gie fuq il-lok tal-incident ftit wara. Lanqas ir-raguni ta' din il-messa in scena ma hi daqstant relevanti ghal fini tal-incident pero dak li hu relevanti hafna fil-fehma tal-Qorti hu illi l-vettura li kien isuq Carl Micallef la kienet licenzjata u anqas assikurata. Fil-fatt l-ahhar licenzja skadiet f'Ottubru 2004 u ma gietx rinnovata (ara fol. 622 et seq. xhiehda ta' Christopher Darmanin, rapprezentat tal-ADT).

Jirrizulta mill-fatti illi Micallef kien ilu xi gimghatejn jahdem ma' Azzopardi qabel l-incident. Hemm divergenza bejn Micallef u Azzopardi dwar kemm-il darba uza l-vettura qabel l-incident. Carl Micallef fil-kontroezami li sarlu (a fol. 800 et seq. tal-process) xehed illi dejjem saq il-vann u jekk idum barra bid-deliveries kien izommu ghandu u jmur ghax-xoghol l-ghada bih. Joseph Azzopardi invece jixhed lejn l-ahhar ta' din il-kawza (a fol. 909 et seq. tal-process) illi kien biss fl-ahhar jumejn qabel l-incident li ppermetta lil Micallef juza l-vann u dan peress li ried imur jara lil ommu li kienet l-isptar u ma kellux biex imur. Infatti suppost irritorna l-vann lura wara li mar jara lil ommu u Azzopardi kellu jwasslu hu d-dar. Pero fil-gurnata lejliet l-incident Micallef naqas li jirritornah u dan bla ebda awtorizzazzjoni li jzommu da parti ta' Azzopardi. Azzopardi jammetti pero li kien konsapevoli illi l-vann ma kellux licenzja u mhux kopert b'assikurazzjoni. Hu jghid li dan kien minhabba diffikulata finanzjarja. Micallef isostni li ma kien jaf li l-vann ma kellux licenzja.

Hi x'inhi s-sitwazzjoni dwar l-uzu tal-vann, hu fatt illi Micallef kellu fil-pusses tieghu vettura proprjeta ta' Joseph Azzopardi u illi Joseph Azzopardi kien konsapevoli dwar dan u dwar li l-istess vettura ma kinitx la licenzjata jew koperta b'assikurazzjoni. In oltre jirrizulta wkoll bhala prova illi ftit minuti qabel l-incident Azzopardi kien cempel fuq il-mobile ta' Micallef biex jara ghaliex kien ghadu ma wasalx ghax-xoghol. Micallef fix-xhieda tieghu jikkonferma din it-telefonata li sehhet xi 9.10am u qal li kien qed jiehu kafe qabel jidhol ghax-xoghol li suppost jibda fid-9.00am u illi kif cempillu Azzopardi, saq lejn ix-xoghol.

l-incident sehh ftit minuti wara meta Micallef li kien gej mid-direzzjoni tal-wied ta' Hal-Qormi kiser fi Triq l-Ghammieri fejn l-istess Micallef jixhed li skiddja u sbanda minn wara u laqat lil attrici u l-pushchair u baqa' diehel f'parapett ta' dar privata fuq ix-

xellug tat-triq u nbezaq lura l-barra. Hu spicca kif jidher fir-ritratti b'wiccu lejn dan il-parapet jaghlaq it-triq bit-tul tal-vettura tieghu.

Micallef jixhed u jsostni illi meta laqat lil attrici u l-pushchair, dawn kienu taht il-bankina mhux fuq il-bankina. Din ix-xiehda hi michuda mill-attrici li sostniet li fl-ebda hin ma kienet taht il-bankina izda miexja fuq il-bankina timbotta l-pushchair bit-tifla go fiha.

L-attrici tixhed illi hi ma ratx lil vettura ta' Micallef izda f'daqqa hi u miexja, hasset daqqa qawwija minn wara u giet mtajra l-quddiem u spiccat nofsha fuq il-bankina u nofsha tahtha. Din il-pozizzjoni taghha hi konfermata mix-xiehda ta' Michael Grech a fol. 188 tal-process li kien isuq ezatt wara Micallef. Dan ma rax l-incident isehh izda wasal ezatt wara. Hu jzid illi l-pushchair u t-tarbija kienu mal-hajt tal-parapett fuq il-bankina. L-inkjesta magisterjali fl-ebda waqt ma titfa' f'dubju illi l-attrici u bintha kienu f'xi hin taht il-bankina. Tant hu hekk illi kuntrarjament ghal dak li jixhed Micallef cioe li ma telghax fuq il-bankina meta laqat lil attrici, ir-rapport tal-espert tat-traffiku Joseph Zammit a fol. 404 et seq. tal-process jindika li fuq il-bankina kien hemm sinjali ta' rota tal-vettura li kien qed isuq Micallef u li kienet twassal sal-hajt tal-parapett imwaqqa' apparti l-hsara estensiva li sar fil-parapett tal-gebel tad-dar privata bl-impatt fejn tghaffeg il-pushchair u t-tarbija sofriet il-griehi terribbli li waslu ghal mewt kwazi immedjat taghha.

Micallef jixhed li l-incident sehh ghax skiddja fil-katuniera hu u jikser fi Triq l-Ghammieri ftit metri lura mnejn kienet mixja l-attrici timbotta l-pushchair. Hi jzid fix-xiehda tieghu illi kien hemm ilma jizloq. Hu zied li dejjem kien jinnota dan il-likwidu u dakinhar intebah bih qabel ma wasal lejn il-kantuniera ta' Triq l-Ghammieri.

Dak li gie kkostat mill-espert tat-traffiku hu illi kien hemm tyre marks u brake marks li jibdew minn naha tal-lemin u jigbdu lejn ix-xelluq fejn kienu jidhru l-imprints tat-tyre fuq il-bankina. L-espert izid li l-art kienet imxarba bin-nida qawwija li baqghet tidher sa wara nofsinhar meta spicca l-access. Rigward il-vettura hu qal li mil-ezamijiet li ghamel hu stess ma kellhiex difetti fis-sistema la tal-isteering u anqas tal-brakes. L-espert innota li t-tyres ta' wara kienu lixxi u ma setghax jeskludi li l-incident sehh ghax il-vettura skiddjat minhabba t-tyres lixxi ta' wara hu u jikser fil-kantuniera u

lanqas seta' jeskludi speed eccessiv tenut kont tal-impatt qawwi u hsara fuq il-hajt u pilastri tal-parapett tad-dar fejn kantun tad-disgha instab xi erba' metri l-quddiem minn fejn intlaqat. Fix-xiehda quddiem il-Qorti (fol. 698 et seq. tal-process) l-espert xehed rigward l-ispeed illi l-impatt qawwi mal-hajt kien jindika speed eccessiv ghal lokalita liema impatt seta' kien ir-rizultat ta' skid. L-espert zied li meta hu saq l-istess vettura f'dik it-triq biex jara kellhiex difetti, hu kkonstata illi l-hsara li kienet sehhet kienet kompatibbli ma' speed ta' xi 40 jew 45 mil fis-siegha, ghalkemm zied ukoll li ma kellux probelmi hu waqt li saq l-istess vettura.

Stabbilit ghal Qorti b'mod konvincenti illi l-attrici kienet fuq il-bankina meta sehh l-incident timbotta l-pushchair, jinkombi fuq is-sewwieq Micallef li jipprova li ma kellu ebda htija f'dak li sehh. Kif qalet il-Qorti:

> biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il- kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b'margini sufficienti ta' sikurezza.(**Il-Pulizija vs George Muscat**, App Krim 06/05/1961, Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Dan jirrizulta li mhux il-kaz.

Essenzjalment Micallef qed jigbed id-difiza ta' kaz fortuitu. Hu skiddja minhabba li t-triq kienet tizloq b'sustanza li ma kienx jaf x'inhi.

Din il-Qorti ma ssibx li Micallef ghandu xi difiza meritevoli ghal dak li sehh. Hu fatt illi t-triq li kien isuq fiha kienet kollha nida, fattur li minnu nnifsu jitfa' fuq is-sewwieq kura akbar minn normal fil-kontroll tal-vettura tieghu. Micallef kien qed jersaq lejn kisra fit-triq, li jidher li kienet pjuttost qawwija. Kif qed jikser hu jixhed li skiddja. Hu jixhed ukoll li l-ispeed tieghu kien baxx hafna u beda jzidu hekk kif kiser billi t-triq hi ghat-telgha. Rigward l-ispeed din ix-xiehda hi kontradetta mill-fehma esperta tal-espert tat-traffiku li jqabbel l-hsara qawwija fil-binja li dahal fiha Micallef ma' speed elevat.

Skidding per se mhix indikazzjoni ta’ responsabilta. Hu assodat fil-gurisprudenza taghna illi skid huwa fattur newtrali u la jfisser htija u lanqas in-nuqqas tieghu (ara **George Spiteri vs Paul Cassar et**, PA 30/06/1993). Gie ritenut ukoll illi “skid wehidha mhijiex la prova ta’ negligenza u lanqas diskriminanti. Trid issir indagini jekk kienx hemm negligenza anticedenti jew konkomitanti. Jekk din tirrizulta, allura hemm responsabbilta nonostante l-iskid” (**Pulizija vs Alfred Attard**, Vol. XLVII.IV.1195).

**Bingham**, fit-test ‘Motor Claims Cases’, pagna 122 ighid “A defence of skidding is sometimes raised in answer to a prima facie case of negligence but the modern tendency is to regard a skid as placing a heavy onus of proof on the defendant”.

Jinsab ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Giuseppe Borg noe vs Algernon Crockford noe**, deciza fit-18 ta’ April 1952, illi “l-iskid bhala tali ma jeskludiex ir-responsbilitajiet u ghalhekk ghandu jigi ezminat jekk l-istess ‘skid’, f’kul kaz in partikolari, kienx dovut ghall-htija ta’ xi hadd, kif ukoll jekk setghax jigi evitat jew korrett; ghax l-‘iskid’ jista’ jkun ukoll provokat mill-mod kif wiehed isuq, billi d-driver ma jkunx ha l-prekawzjonijet necesarji li c-cirkustanzi eccezzjonali li jkun jinsab fihom ikunu jirrekjedu. L-‘iskid’ huwa cirkustanza newtra, ghax jista’ jkun l-effett ta’ negligenza precedenti, jew negligenza ta’ ‘third party’, jew dovut ghall-accident inevitabbli”.

F’dan il-kaz pero Micallef ma rnexxilux ixekkel l-oneru tal-prova minn fuqu.

Il-Qorti tqis illi Micallef kien driver b’esperjenza ta’ xahrejn biss ghax hu kien ha l-licenzja tas-sewqan xahrejn qabel l-incident biss. Kien ghad ghandu 18-il sena. Dawn wahedhom huma fatturi li jitfghu dubju fuq kif driver bla u bi ftit esperjenza jirreagixxi ghall-imprevist jew sitwazzjonijiet mhux normali. Micallef kellu sitwazzjoni quddiemu ta’ kisra fit-triq, u nida qawwija mal-art. Anki jekk ma kienx konsapevoli tal-istat tat-tyres ta’ wara tal-vettura li kien isuq, kellu quddiemu sitwazzjoni li kienet tirrikjedi prudenza qawwija. Il-fattur tal-kisra u z-zlieq kienu a konoxxenza ta’ Micallef pero nonostante dan, il-fatti mill-inkjesta juru illi tilef il-kontroll malli kiser billi l-brake u tyre marks riskontrati mill-espert tat-traffiku kienu jibdew mill-lemin u jiksru ghax-xellug fejn il-vettura spiccat baqghet diehla b’qawwa f’parapett tant li mhux biss ikkawzat il-hsara li kkawzat izda giet mbezzqa lura lejn it-triq. L-espert tat-traffiku

jindika li dawn il-fatturi juru speed elevat mhux kif xehed Micallef, cioe speed baxx hafna. Di piu l-Qorti tqis illi fattur iehor li kien sfavorevoli ghal Micallef hi t-telefonata li ghamillu l-principal  biex jara ghalfejn kien gia tard ghax-xoghol liema fattur zgur ma ghinx lil Micallef fil-prudenza u diligenza rikjesta fis-sewqan f'kull cirkustanza specjalment f'sitwazzjonijiet fejn il-prudenza tirrikjedi attenzjoni massima u kawtela kbira.

Micallef ipprova jressaq bhala skuzanti li fl-istess post cioe mal-istess parapet sehhew diversi incidenti li juru li l-post hu perikoluz. Il-fatt li zona partikolari turi aspetti ta' sewqan diffikultuzi ma jfissirx b'daqshekk li kull incident ghandu jigi skuzat. Altrimenti nofs it-toroq ta' Malta jaghtu immunita lis-sewwieqa mill-incidenti. Sid id-dar li sofra l-hsara certu George Borg xehed illi kien ilu joqghod fid-dar mill-1992 u kien hemm tlett incidenti fejn sofra hsarat fil-proprjeta. Wara l-incident ma ftakarx twessghetx il-bankina pero saru xi bollards tal-hadid fuq il-bankina.

Din ix-xhieda ma tezonerax lil Micallef li ma giex rinfaccjat b'xi emergenza subitanea li ma setghax jirrezisti izda kellu preavviz ta' zlieq fil-triq u kantuniera qawwija li kien jaf biha minn qabel ghax hu stess xehed li kien isuq minnha kuljum. Del resto l-vettura li kienet issuq warajh ma gralha xejn kif ma gralhom xejn minn jaf kemm-il vettura li saqu mit-triq peress li mhix xi triq sekondarja. Mhux hekk biss izda lanqas jirrizulta lil Qorti jekk it-tlett incidenti imsemmija min George Borg kienux kawza ta' negligenza tas-sewwieqa.

In linea generali, fis-sentenza taghha tat-23 ta' Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet **Debono vs Camilleri et** (Vol. XLVI.I.112) il-Qorti tal-Appell irriteniet li sewwieq ghandu zewg dmirijiet ewlenin li huma fl-obbligu li josserva kull hin:

1. li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat tal-art u rapporti ohra kontingenti;
2. li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonably careful look-out" liema dmir igib mieghu wkoll dak li d-driver jara dak li jkun ragonevolment vizibbli. Riferibbilment ghal dan it-tieni obbligu, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lafera** u **Il-Pulizija vs Vella** inghad li "the duty to look implies the duty to see what is in plain view".

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car ghal Qorti illi Carl Micallef kien negligenti fis-sewqan tieghu billi ma hax id-debita prekawzjoni kontra dak li kellu quddiemu car fit-triq, u la zamm proper lookout u anqas irregola s-sewqan skond i-cirkustanzi tat-triq u ghalhekk hu responsabbli ghall-incident in kwistjoni bil-konsegwenzi kollha emanenti minnu.

**Responsabilta ta' Joseph Azzopardi**

Joseph Azzopardi ma kienx isuq il-vettura pero hu sidha, li kien jaf li l-vettura mhix licenzjata u assikurata u ppermetta li Micallef juzaha nonostante li jipprova jezonera ruhu billi jghid li meta Micallef zamm il-vettura ghandu fil-lejl qabel l-incident ma kellux il-permess tieghu. Nonostante dan kollu kien konsapevoli li l-vettura kienet fil-pussess ta' Micallef u ma ghamel xejn biex jiehu lura l-pussess taghha qabel l-incident. Kien jaf ukoll illi Micallef kellu biss 18-il sena u ghalhekk zgur ma kienx ilu jsuq. L-azzjonijiet tieghu cioe l-fatt li Micallef kien qed jahdem bla work book u illi f'dak il-hin tal-incident ipprova ighatti certi fatti bhal min kien qed isuq huma fatturi reprensibbli u juru atteggjament li jirrasenta l-perikoluz mhux in-negligenti biss.

Fil-kawza **Schembri vs Davies** (PA 24/06/1955) il-Qorti sabet lis-sid li kien ippermetta li l-vettura tieghu tinstaq ghal skop li ma kienx kopert b'assigurazzjoni, responsabbli flimkien mas-sewwieq ghall-incident li sehh meta l-vettura kienet qed tinstaq. Fil-kawza **Scerri vs Ciantar** (PA 03/10/2003) intqal a propositu illi "'Dan ghaliex ukoll huwa pacifiku illi, in linea ta' massima generali, sid ta' vettura li tkun involuta f'incident meta misjuqa minn terzi ma tkunx assigurata u allura tinsorgi r-responsabilita solidali anke ta' sid il-vettura (**Av. Franz Refalo noe vs Paul Caruana** (PA 05/10/1995); **E. Micallef vs Simone Azzopardi** (PA 07/10/1994); u **Laura Formosa vs Emanter Spiteri et** (PA 28/04/2005).

L-artikolu 1033 tal-Kap.16 jaqra hekk:

> Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha <u>jikser xi dmir impost mil-ligi</u>, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan id-dmir fil-fehma tal-Qorti johrog mill-artikoli 1031 u 1037 tal-Kap. 16 billi Joseph Azzopardi ma agixxiex bid-diligenza tal-bonus pater familias meta bhala employer ippermetta lil konvenut Azzopardi isuq vettura mhux assikurata, ma kkontrollax li l-esperjenza minima ta' sewqan li kellu Azzopardi kinitx tippermettilu jsuq vann u li l-vann kien mizmum fi stat tajjeb biex jinsaq bid-debita kawtela tenut kont ta' dak li qal l-espert tat-traffiku fuq il-kundizzjoni tat-toroq.

Ghalhekk il-Qorti issib lil Joseph Azzopardi responsabbli in solidum ma' Carl Micallef ghall-incident in kwistjoni. Dan l-insenjament gie konfermat fis-sentenza **Michael Micallef vs Louis Mamo et** (PA 30/03/2010).

**Danni**

Din hi kwistjoni li dwarha hemm diversi rapporti ex parte u anki gudizjarji.

**Danni li sofriet Marthese Vella**

Dawn id-danni rridu jkunu konformi ma' dak li jistabilixxi l-artikolu 1045 tal-Kap. 16. Bhala damnum emergens l-attrici esebiet a fol. 32 et seq. tal-process kont professjonali ta' Mr. Francis Darmanin, plastic surgeon konsulent mediku ex parte fl-ammont ta' Lm50; kont simili ta' Lm50 minn Mr. Ivan Esposito, konsulent mediku ex parte; kif ukoll tpartit tal-vettura li kellha ma wahda automatic minhabba d-debilita f'saqajha konsegwenza tal-incident u fejn l-attrici harget is-somma ta' Lm2,800 kawza tat-tpartit.

Il-Qorti tqis li dawn id-danni inkluz tal-vettura automatic huma gustifikati billi tenut kont tad-debilita taghha l-attrici zgur mhix f'pozizzjoni li ssuq karozza manual u giet kostretta li tpartatha ma' wahda automatic.

Kwindi l-Qorti tqis li l-attrici ghandha tigi risarcita fis-somma komplessiva ta' Lm2,900 jew €6,767 bhala damnum emergens.

In kwantu ghal lucrum cessans l-attrici qed tbati minn zewg tipi ta' debilita permanenti wahda li jirrigwarda l-aspett fiziku taghha fejn l-attrici kellha jsirilha skin grafts fir-right lower limb u left thigh li apparti l-iskumdita fizika konsegwenza ta' dawn

l-interventi hallew l-aspett fiziku tal-attrici mhix accettabbli mill-lat estetiku. Hemm divergenza fir-rapporti medici fuq il-grad ta' dizabilita ghalkemm ma jidhirx li hemm xi oggezzjoni dwar in-natura tad-debilita u li kien l-effett dirett tal-hsara subita fl-incident. L-espert mediku ex parte Francis Darmanin (fol. 9 tal-process) ikkwantifika din id-debilita fl-2006 bhala 13 fil-mija. L-espert tal-Qorti Joseph Briffa (fol. 902 tal-process) ikkwantifika d-debilita fl-2011 bhala 11 fil-mija fejn hu kkonsidra c-cikatrici u d-diformita fil-koxxa. L-espert addizjonali Raymond Debono kkwantifika din l-istess debilita bhala 15 fil-mija fl-2013. Fl-eskussjoni li sariltu ha in konsiderazzjoni l-kobor tac-cikatrici, id-difett fil-gisem u l-ispiza necessarja biex tigi ameljorata ic-cikatrici fuq ir-right thigh. Din l-ahhar konsiderazzjoni saret ukoll mill-espert ex parte tal-attrici izda mhux mill-ewwel espert gudizjarju. Il-Qorti ghalhekk hi rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn zewg esperti b'fatti identici oggettivament waslu ghal approporzjonament differenti fuq bazi soggettiva tal-kwantifikazzjoni tad-danni.

Il-Qorti ghahekk tqis li l-kwistjoni hi jekk l-attrici hiex issofri minn dizabilita ta' 13 jew 15 fil-mija. Billi l-Qorti ma ghandhix l-esperjenza mehtiega f'natura medika ta' din ix-xorta tqis illi b'gustizzja mal-partijiet kollha ghandha taddotta l-medja cioe 14 fil-mija dizabilita ghac-cikatrici u aspett fiziku menomat tal-attrici.

Hemm pero l-kwistjoni mill-lat ortopediku li qajjem aktar kwistjonijiet u dan principalment minn rapport ex parte da parti tal-intervenut fil-kawza cioe Mr. Frederick Zammit Maempel (fol. 868 tal-process) fejn hu wasal ghal konkluzzjoni li d-debilita permanenti sofferti mill-attrici mill-ksur subit kien ta' 12 fil-mija. Ir-rapport tieghu sar fl-2006 u wasal ghal din il-konkluzzjoni fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet cioe illi l-ksur kien fieq u l-ghadam kien ghaqad u illi ma kienx hemm raguni medika ghaliex l-attrici kellha timxi b'zewg krozzi. In oltre fl-ezami u kontroezami li sarulu hu xehed illi skond hu d-differenza fit-tul bejn sieq u ohra kien ta' centimetru, u illi kien hemm anormilita fil-hip tax-xellug li ma kinitx dovuta ghall-incident.

Din ix-xiehda saret wara l-ewwel rapport mediku gudizjarju li kkwantifika d-dizabilita ortopedika bhala tnejn u erghin fil-mija qabel ma ttiehed in konsiderazzjoni l-weighted average u tqis li kien hemm tqassir ta' 2 centimetri fil-hip tax-xellug pero ma ssemmix li dan kien ir-rizultat ta' xi kundizzjoni anterjuri ghall-incident.

It-tieni rapport mediku, dak tal-periti addizjonali sar min Mr. Ray Gatt, Mr. Joe Borg assistiti min Dr. Malcolm Crockford, espert tal-radjografija. F'dan ir-rapport jirrizulta illi fl-2012 l-attrici marret l-isptar minhabba problemi fil-koxxa tax-xellug, fejn giet infurmata li din ghaqdet hazin u qed tistenna MRI scan biex isir intervent iehor. Mill-ezami kliniku u mediku li sar tqieset bhala improbabbli li kien hemm xi fatt anterjuri bhal hip dysplasia li seta' kkontribwixxa ghall-istat fattwali soffert mill-attrici bl-incident. In oltre l-esperti mir-rizultanzi medici u radjologici waslu ghal konkluzzjoni illi l-attrici ghadha tilmenta minn ugiegh u nuqqas ta' mobilita li fil-fehma tal-esperti kien ir-rizultat ta' diversi problemi li ghadhom jaffettwaw il-femur tax-xellug. Iz-zewg ksur tal-ghadam fiequ mhux ghal kollox anatomikament u qed jaffettwaw il-gogi li ma jahdmux normali u li jzid ic-cans ta' artrite qabel iz-zmien b'konsegwenza ta' operazzjonijiet ghal gogi artificjali. Fl-eskussjoni li saritilhom fil-15 ta' Jannar 2014 huma ggustifikaw il-bzonn tal-attrici li tuza l-krozzi meta qalu hekk:

> fir-rapport taghna ikkumentajna li ghalkemm l-ghadma fuq l-X rays kienet imfejqa ghandha l-ghadma tal-koxxa tax-xellug li fieqet f'posizzjoni nghidulha malunited, jigijieri ma fiqitx ezattament kif suppost anatomikament.

Apparti minn hekk jirrizulta mill-istess eskussjoni li kien hemm 1 centimetre diskrepanza fit-tul ta' bejn sieq u ohra. Ikkonfermaw li medikament dawn huma zewg ragunijiet li jaghmlu raguni ghalfejn tista' baqghet tuza l-krozzi.

Kunsidrat dan kollu huma qiesu d-dizabilita fizika permanenti bhala 28 fil-mija bazat fuq il-Evaluation of Medical Impairment (American Medical Association 2004). Jinghad a propozitu ta' dan illi jidher li din it-'table' ta' dizabilita qed tintuza regolarment mill-esperti in mankanza ta' formularju aktar car u komprensiv.

Din il-Qorti tqis illi ghandha tabbraccja dan ir-rapport billi hu l-aktar immedjat, dettaljat u komprensiv f'dak li hu l-aspett mediku u radjologiku li ssottoponiet ghalih l-attrici u ma hemm xejn x'jindika lil Qorti li ma sarx bid-debita galbu, attenzjoni u precizjoni rikjesta mill-esperti nominati ta' kalibru professjonali mhux zghir.

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi l-attrici qed issofri minn debilita permanenti komplessiva ta' 42 fil-mija (14% + 28%). Billi l-esperti medici addizjonali u radjografu kienu gia kkompensaw fil-kwantifikazzjoni tad-diversi debilitajiet fizici fejn nizlu d-

debilita minn 30 fil-mija ghal 28 fil-mija, din il-Qorti tqis illi xorta ghandha tapplika b’mod limitat il-weighted average komplessiv li ghandu jigi ridott ghal 40 fil-mija.

**Kwantifikazzjoni danni attrici**

L-attrici ma tahdimx u meta kellha l-incident kellha 28 sena u kellha zewgt itfal. Hi separata minn zewgha. Jirrizulta illi d-debilita li ssofri minnha mhix ser jippermettilha li tahdem almenu fi zmien prossimu. Hi tixhed li qabel l-incident gieli hadmet bhala part time cleaner. In oltre l-Qorti tqis illi d-diffikultajiet fizici taghha rrenduha mhux indipendenti ghal kollox. Dan kollu irid jitqies fil-komputazzjoni tad-danni.

Il-Qorti tqis illi l-attrici ghandha tigi stmata bil-fakolta lavorativa full time kif ghandha dritt li kieku hi fizikament kapaci. In oltre wiehed ma jridx jinsa r-responsabilita u l-kontribut ta’ mara tal-familja biex izomm il-familja.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghandha tuza bhala bazi ta’ qliegh il-paga minima tal-2013 cioe €8,433. 88 fis-sena li meta tqis l-eta li ghandha l-attrici u t-tul ta’ zmien li kienet tkun kapaci tahdem, dan il-qliegh irid jiehu in konsiderazzjoni t-trapass taz-zmien u ghalhekk ghandha tittiehed bhala qliegh annwali s-somma ta’ €12,000. il-multiplier ghandu jkun ta’ 33 sena cioe sal-eta ta’ 61 li fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li hu ekwu.

B’dawn il-parametri d-danni qua lucrum cessans li sofriet l-attrici ghandhom jigu komputati kif gej: €12,000 x 33 sena x 40% = €158,400.

Minn din is-somma ghandha titnaqqas il-percentwali ta’ 20 fil-mija ghal konsum izda ebda tnaqqis ghal lump sum payment minhabba t-tul tal-kawza. B’hekk is-somma dovuta ghal lucrum cessans hu: €158,400 – 20% = €126,720.

Ma’ din is-somma ghandu jizdied id-damnum emergens u b’hekk l-attrici ghandha tippercepixxi f’ismha bhala danni s-somma ta’ €126,720 + €6,757 = €133,477.

**Danni dovuti lill-attrici bhala eredi ta’ bintha Hayley Anne**

Hayley Ann tifla ta' sentejn bint l-attrici mietet kawza tal-incident. L-artikolu 812(b) tal-Kap. 16 ighid illi meta persuna taht l-eta tmut intestata jirtuha fi kwoti ugwali cioe nofs mill-axxendenti u nofs mill-kollaterali diretti.

Ftit ingiebu provi fuq din il-kwistjoni. Ma hux dubitat li l-attrici hi omm Hayley Ann. L-attrici tixhed li sseparat minn zewgha fl-14 ta' Settembru 2005 cioe ghaxar xhur wara l-incident. Dan pero ma jfissirx illi missier Hayley Anne tilef id-dritt tieghu fuq wirt bintu li ghandu jedd ghal wirtha daqs ommha. L-attrici wkoll tixhed fl-affidavit taghha a fol. 48 tal-process illi apparti Hayley Ann ghandha tifla ohra cioe Celine. Kwindi legalment missier Hayley Anne ghandu jedd ghal kwart mill-wirt ta' bintu u l-istess sehem jispetta lill-attrici, u bint l-attrici Celine ghandha jedd ghal nofs il-wirt ta' ohtha l-mejta.

Gie esebit il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn l-attrici u zewgha Mario Briffa datat 14 ta' Settembru 2005 fejn fil-parti tax-xoljiment u qasma tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gie dikjarat minn Mario Briffa illi qed icedi a favur martu u jassenjalha, bhala ekwiparazzjoni kull dritt li jista' jkollu, bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti, kontra kull min hu responsabbli ghal hlas tad-danni konsegwenti l-incident awtomobilistiku tal-10 ta' Jannar 2005 fejn tilfet hajjitha binthom minuri Hayley Anne. Dan hu in linea ma' dak li jrid l-artikolu 1470(2) tal-Kap. 16. Din l-assenjazzjoni ta' drittijiet giet notifikata lil partijiet kollha involuti f'din il-vertenza b'ittra ufficjali Dok. MV9 a fol. 30 tal-process a terminu tal-artikolu 1471 tal-Kap. 16.

Gie sottomess mill-konvenut Micallef u l-intervenuti fil-kawza illi d-danni dovuti lil Mario Briffa qua eredi ex lege ta' bintu Hayley Anne Briffa qatt ma kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghax huma danni parafernali, u ghalhekk bil-klawsola fil-kuntratt ta' separazzjoni dawn id-danni qatt ma gew traferiti jew ceduti favur l-attrici.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-klawsola jista jkun li setghet gie redatta ahjar jew b'mod aktar car pero l-intendiment tal-klawsola hu car, cioe assenjazzjoni ta' dritt li kellu Mario Briffa naxxenti mid-danni dovuti lilu mill-incident awtomobilistiku in kwistjoni u dan b'referenza diretta ghal kull dritt spettanti lilu qua eredi ta' Hayley Anne Briffa. Il-kliem uzat bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti

hi deskrizzjoni mhix kompleta ghalkemm superflua fic-cirkostanzi peress illi l-iskop tat-trasferiment kien l-assenjazzjoni tad-drittijiet li kellu fuq dak li seta kien dovut lilu tramite r-responsabilta ta' terzi ghall-incident li fih tilfet hajjitha bintu Hayley. Din l-assenjazzjoni ghandha validita awtonoma u indipendenti mid-deskrizzjoni li nghatat tal-assenjazzjoni u kwindi din is-sottomissjoni hi bla bazi.

Ghalhekk l-attrici ghandha jedd ghal nofs id-danni spettanti mill-mewt ta' Hayley Anne.

Sfortunatament it-tifla l-ohra Celine rapprezentata mill-genitur li ghandu jedd jirraprezentaha f'atti gudizjarji ma hijiex parti f'din il-kawza kif ghandha tkun rapprezentata u ghalhekk il-Qorti ma tistax tillikwida ebda danni fil-konfront taghha pero xejn ma josta li jigi likwidat dik il-parti tad-dannu spettanti lill-attrici bhala eredi ta' bintha Hayley Anne u in vista tal-assenjazzjoni lilha ta' sehem zewgha mill-istess eredita ta' Hayley Anne.

Id-danni dovuti lill-attrici ghal mewt ta' Hayley Anne huma dovuti in virtu tal-artikolu 1046 tal-Kap. 16 li jghid illi 'Jekk minhabba xi ghemil li jaghti lok ghal danni xi hadd imut, il-Qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali kkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita ghal dejjem".

Id-danni dovuti ghandhom fl-ewwel lok jinkwadraw il-qliegh li kienet taghmel Hayley Anne meta hi kien ikollha eta biex tahdem cioe aktar minn sittax-il sena wara l-incident. Il-Qorti tqis illi qliegh kif gia kalkulat fil-kaz tal-omm ma jaghmielx gustizja mal-kaz peress illi l-hajja lavorativa ta' Hayley Anne kienet ser tibda x'aktarx mhix qabel l-2021 bil-possibilita li hi tahdem sal-eta penzjonabbli jekk mhux iktar. Il-Qorti pero biex tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li jista' jigri fil-hajja tal-bniedem tqis li l-multiplier li ghandha tuza ghandu jkun ta' 40 sena u dan a bazi tas-sentenza **Mercieca vs Zerafa** et, PA 30/06/2008 u **Cuschieri vs Panta Contracting Limited et**, PA 28/11/2003 filwaqt illi l-qliegh ghandu jkun ta' €15,000 fis-sena. Billi din is-somma qed tinhadem fuq inkapacita totali ta' mija fil-mija d-dannu dovut bhala lucrum cessans hu ta' €15,000 x 40 sena = €600,000.

Il-Qorti tqis illi l-eredi jirtu de iure di proprio pero xorta ghandu jkun hemm tnaqqis ghal dipendenza u ghal konsum personali (ara f'dan is-sens **Turner vs Agius**, App Civ 28/11/2003) li din il-Qorti fil-fehma taghha tqis li tat l-aktar formula gusta u ekwitattiva fic-cirkostanzi fejn ma hemm ebda dipendenza ppruvata essendo l-vittma kienet tarbija u ma kellhiex dipendenti u wkoll isegwi li ghandu jkun hemm it-tnaqqis ghal konsum personali tul il-perjodu li din il-Qorti tqis kien ser ikun il-perjodu lavorativ tal-istess vittma. Il-Qorti ghalhekk qeghda tnaqqas zewg terzi tal-ammont likwidat ghad-dependency u kwart mill-bilanc ghal konsum personali. Ghalhekk is-somma ta' €600,000 ghandha tigi ridotta ghal €150,000. Ma ghandux isir tnaqqis ghal lump sum payment tenut kont tat-trapass taz-zmien tal kawza.

Billi l-attrici qua eredi ghandha dritt ghal nofs mill-wirt ta' bintha hi ghandha tippercepixxi €75,000 qua sehemha bhala eredi ghad-danni sofferti bil-mewt ta' bintha Hayley Anne.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijiet kollha moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti; u tilqa' t-talbiet attrici billi ssib lill-konvenuti responsabbli flimkien u in solidum ghall-incident li sehh fl-10 ta' Jannar 2005; tillikwida d-danni sofferti mill-attrici proprio u bhala eredi ta' bintha Hayley Anne fis-somma komplessiva ta' €208,477 in kwantu €133,477 sofferti minnha personalment u €75,000 bhala eredi ta' bintha Hayley Anne; u tikkundanna lill-konvenuti Carl Mario Micallef u Joseph Azzopardi in solidum ihallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata, bl-ispejjez kollha u bl-imghax li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------